# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Marzu 2025**

**Numru: 2**
**Rikors numru: 57/2019/1 TA**

**Il-Pulizija**
**v.**
**Matthew Bajada u kif ukoll**
**l-Avukat Ġenerali għal kull interess li jista' jkollu**

1. Dawn huma żewġ appelli, wieħed tal-Avukat Ġenerali u ieħor ta' Matthew Bajada ["Bajada" / "l-akkużat"] minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) ["l-Ewwel Qorti"] fit-2 ta' Mejju 2023 li, għar-referenza kostituzzjonali li saritilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali ["il-Qorti referenti"], wieġbet hekk:

> *"L-appellant qed isofri minn vjolazzjoni taħt l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Binedem u taħt l-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li ġie leż id-dritt tiegħu minn żamma*

*arbitrarja abbinat mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni bil-fatt illi ż-żmien li għamel taħt arrest preventiv f'din l-istanza, preċiżament mil-31 ta' Lulju 2012 u t-13 ta' Frar 2013, ġie arbitrarjament u mingħajr jedd għal smiegħ xieraq meqjus bħala kundanna f'kawża oħra mhux relatata mal-proċeduri odjerni.*

*In oltre din il-Qorti qed tikkundanna lill-Kumissarju tal-Pulizija jħallas lir-rikorrent is-somma ta' ħamest elef ewro (€5000) bħala kumpens.*

*Spejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tal- Kummissarju tal-Pulizija."*

2. Il-kwistjonijiet f'appelli tal-partijiet huma dwar l-allegat ksur u l-kumpens/rimedju mogħti lil Bajada.

**<u>Il-Qofol tar-Referenza</u>**

3. Quddiem il-Qorti referenti qiegħed jinstema' l-appell ta' Bajada minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li, filwaqt li sabitu ħati talli għamel tentattiv biex jikkorrompi uffiċjal pubbliku u li kellu fil-pussess tiegħu armi mingħajr liċenzja bl-addebitu tar-reċediva, ikkundannatu għal piena karċerarja effettiva ta' tliet snin. Fil-mori ta' dak l-appell Bajada ilmenta li, jekk il-Qorti referenti tikkonferma l-kundanna tiegħu, iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv mhux se jkun jista' jitnaqqaslu mill-eventwali piena. Dan għaliex, bis-saħħa tal-Artikolu 586 tal-Kodiċi Kriminali ["Kap. 9], dak il-perjodu diġà ġie konvertit f'riduzzjoni tal-garanzija minnu dovuta b'rabta ma' proċeduri kriminali oħra <u>distinti</u> minn dawk attwalment pendenti.

Jallega għalhekk illi, f'każ li tiġi kkonfermata s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, huwa se jsofri:

i. minn ksur tal-Artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni għaliex se jinżamm inkarċerat b'mod arbitrarju; u

ii. minn ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq għaliex meta saret il-konverżjoni tal-perjodu li huwa kien inżamm detenut mill-bilanċ tal-garanzija minnu dovuta b'rabta ma' proċeduri oħra, ġiet mittiefsa l-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu f'dawn il-proċeduri.

4. Għall-aħjar intendiment taż-żewġ appelli, il-fatti li wasslu għar-referenza tal-lum kien dan:

**L-Ewwel Każ Kriminali**

5. Fit-28 ta' Jannar 2009 Bajada tressaq il-qorti b'akkużi konnessi mal-pussess illegali u traffikar ta' sustanzi kontrollati ["**L-Ewwel Każ**"]. Safejn rilevanti għal dawn il-proċeduri, il-fatti ta' dak il-każ kienu dawn:

5.1. Bajada nżamm arrestat mit-28 ta' Jannar 2009 sas-17 ta' Frar 2009, meta ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt numru ta' kundizzjonijiet, fosthom li jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tad-distrett tal-Ħamrun, jiddepożita fir-Reġistru tal-Qorti s-somma ta' €5,000[1] u jagħti garanzija personali fis-somma ta' €30,000[2]. Dan kollu bil-kundizzjoni espressa li f'każ li huwa jikser waħda jew iktar mill-obbligazzjonijiet elenkati fl-istess digriet, jitlef il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u s-somma ta' €35,000 tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta skont l-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali[3];

5.2. Eventwalment l-Avukat Ġenerali ħareġ l-Att ta' Akkuża numru 45/2010;

5.3. B'rikors lill-Qorti Kriminali, ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2012, l-Avukat Ġenerali talab il-ħruġ ta' mandat ta' arrest fil-konfront tal-akkużat minħabba ksur tal-kundizzjonijiet tal-*bail*[4];

5.4. B'digriet tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Lulju 2012[5], wara li ġie stabbilit illi Bajada kien kiser il-kundizzjoni li jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija darbtejn fil-ġimgħa,[6] ġiet ordnata r-revoka tal-

[1] Fol. 62, 64, 65
[2] Fol. 62, 66
[3] Fol. 62
[4] Fol. 59 *et seq*.
[5] Fol. 71 *et seq.*
[6] Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tat-3 ta' Novembru 2009.

ħelsien mill-arrest, il-konfiska tad-depożitu fis-somma ta' €5,000 u kif ukoll il-ħlas tal-garanzija personali fis-somma ta' €30,000.[7] Dan wara li l-Qorti Kriminali kienet ikkonkludiet li l-21 ta' April 2012 kienet l-aħħar darba li l-akkużat iffirma r-reġistru fl-Għassa tal-Pulizija.

5.5. Peress li l-garanzija ma tħallsitx, fis-26 ta' Lulju 2012 inħareġ avviż lid-Direttur tal-Ħabs biex Bajada jinżamm f'detenzjoni għal sena[8];

5.6. Bajada għamel diversi rikorsi li bihom talab lill-Qorti tirrevoka *contrario imperio* l-ordni tal-konfiska tad-depożitu u tal-garanzija personali u talbiet oħra biex jingħata l-ħelsien mill-arrest. Dawn ġew miċħuda;

5.7. Bajada għadda ġuri u fit-28 ta' Jannar 2013 ġie liberat minn kull akkuża. Madanakollu, baqa' arrestat minħabba d-detenzjoni ta' sena li kellu jiskonta[9];

5.8. Fit-13 ta' Frar 2013 kien rilaxxat wara li ħallas is-somma ta' €27,647. Somma li tirrappreżenta l-bilanċ li kien fadal mis-somma ta' €30,000 u li minnha tnaqqset €2,353 li kien

[7] Fol. 91
[8] Fol. 114
[9] Fol. 43

jirrappreżenta ż-żmien li għamel fil-ħabs bir-rata ta' €11.65 għal kull ġurnata (l-Artikolu 586 tal-Kodiċi Kriminali)[10].

**It-Tieni Każ Kriminali**

6. Fis-6 ta' Lulju 2012 ir-rikorrent reġa' tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati akkużat b'korruzzjoni ta' xhud u pussess ta' arma mingħajr liċenzja bl-addebitu tar-reċediva ["**It-Tieni Każ**"][11]. Il-fatti rilevanti huma dawn:

6.1. Fit-28 ta' Novembru 2012 Bajada ngħata l-ħelsien mill-arrest. Però baqa' detenut minħabba li fl-ewwel każ kien tilef il-garanzija u ma ħallasx is-somma ta' €30,000 wara d-digriet li tat il-Qorti Kriminali fis-16 ta' Lulju 2012.

6.2. B'sentenza tat-8 ta' Frar 2017 il-Qorti tal-Maġistrati sabet lil Bajada ħati ta' wħud mill-akkużi u kkundannatu għall-priġunerija ta' tliet snin;

6.3. Bajada appella minn dik is-sentenza u talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tilliberah minn kull imputazzjoni. Appell li għadu pendenti.

---

[10] Fol. 56A, 79 *overleaf*, 92
[11] Fol. 68 *et seq.*

**<u>Proċeduri Kostituzzjonali Numru 19/2014 JZM</u>**

7. Safrattant, fil-25 ta' Frar 2014 Bajada fetaħ il-kawża <u>Matthew Bajada v. Avukat Ġenerali et</u> (Rik. Kost. 19/2014 JZM) fejn, b'referenza għad-digriet tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Lulju 2012 (għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest tiegħu, għall-konfiska tad-depożitu u għall-ħlas tal-garanzija) *inter alia* ilmenta illi l-obbligazzjoni li huwa naqas milli josserva kienet waħda ta' natura anċillari u li l-Qorti Kriminali naqset milli tuża d-diskrezzjoni biex timmitiga t-telf skont il-gradwazzjoni tal-gravità tal-kundizzjoni miksura. Sostna wkoll li, meta ordnat il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €35,000, il-Qorti Kriminali ma mxietx skont il-prinċipji ta' nuqqas ta' arbitrarjetà u proporzjonalità u kwindi ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu protett mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Bajada talab li *in linea* ta' rimedju, jiġi ordnat ir-rilaxx favurih *in toto* jew *in parte* tas-somom depożitati.

8. B'sentenza tad-29 ta' Settembru 2016 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet li kien hemm nuqqas ta' proporzjonalità fid-digriet tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Lulju 2012 u li meta saret il-konfiska relattiva seħħet vjolazzjoni tad-drittijiet ta' Bajada kif protetta bl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Konsegwentement illikwidat favurih kumpens ta' €2,500.

9. Bajada appella u b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fis-27 ta' Ottubru 2017, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet billi:

> *"tirriforma s-sentenza appellata limitatament billi tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrent ghal-lezjoni fid-dritt fundamentali kontemplat fl-Artikolu 5[1][b] fl-ammont komplessiv ta' tnejn u tletin elf Euro (€32,000) u dan wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammont li gie zburzat minnu, l-ammont tas-sanzjoni ritenuta gusta u proporzjonata ghall-ksur da parti tieghu tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest,* ***l-perjodu ta' detenzjoni li huwa kellu jaghmel****, u l-kumpens pekunjarju u non pekunjarju misthoqq ghall-ksur tad-dritt fundamentali tieghu."* (enfasi tal-Qorti)

## Talba għal Referenza Kostituzzjonali

10. Lura għall-appell dwar it-*"tieni każ"* pendenti fil-Qorti tal-Appell Kriminali, b'rikors ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2019 Bajada ilmenta illi jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Frar 2017, iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv mhux se jkun jista' jitnaqqaslu mill-eventwali kundanna għaliex l-istess ġie konvertit fi tnaqqis tal-garanzija b'rabta mal-ewwel każ. Allega li dan huwa bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu protetti bl-Artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni u kif ukoll tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq *stante* li meta saret il-konverżjoni *in lieu* tal-garanzija, ġiet imkissra l-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu f'dawn il-proċeduri. Għalhekk talab li skont l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, issir referenza lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla.

11. B'digriet mogħti fit-8 ta' April 2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) laqgħet dik it-talba (fol 1 *et seq*.) u għamlet din id-domanda:

> *"Jekk l-appellat hux qed isofri minn xi vjolazzjoni taħt l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li ser jiġi leż id-dritt tiegħu minn żamma arbitrarja abbinat mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni bil-fatt illi ż-żmien li għamel taħt arrest preventiv f'din l-istanza ġie meqjus mingħajr jedd għal smiegħ xieraq bħala kundanna f'kawża oħra mhux relatata mal-proċeduri odjerni."*

12. Fl-udjenza tat-12 ta' April 2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) iddifferiet l-appell "'*sine die*" ri-appuntabbli meta jiġu deċiżi dawn il-proċeduri.

**<u>Ir-Referenza Kostituzzjonali fil-Prim'Istanza</u>**

13. B'digriet mogħti fit-30 ta' April 2019[12] il-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) appuntat ir-referenza għas-smigħ għas-seduta tas-7 ta' Mejju 2019 u ordnat in-notifika lill-partijiet u kif ukoll lill-Avukat Ġenerali għal kull interess li jista' jkollu.

14. Permezz ta' tweġiba ppreżentata fl-24 ta' Ġunju 2019[13], l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija fissru għalfejn, skonthom, m'hemm l-ebda leżjoni tal-artikoli msemmija.

---

[12] Fol. 6
[13] Fol. 13 *et seq.*

15. B'sentenza mogħtija fit-2 ta' Mejju 2023 ("is-sentenza appellata") il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) wieġbet għar-referenza li saritilha bil-mod segwenti:

> *"L-appellant qed isofri minn vjolazzjoni taħt l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Binedem u taħt l-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li ġie leż id-dritt tiegħu minn żamma arbitrarja abbinat mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni bil-fatt illi ż-żmien li għamel taħt arrest preventiv f'din l-istanza, preċiżament mil-31 ta' Lulju 2012 u t-13 ta' Frar 2013, ġie arbitrarjament u mingħajr jedd għal smiegħ xieraq meqjus bħala kundanna f'kawża oħra mhux relatata mal-proċeduri odjerni.*
>
> *In oltre din il-Qorti qed tikkundanna lill-Kumissarju tal-Pulizija jħallas lir-rikorrent is-somma ta' ħamest elef ewro (€5000) bħala kumpens.*
>
> *Spejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tal- Kummissarju tal-Pulizija.*
>
> *Kopja formali ta' din is-sentenza għandha tiddaħħal fl-atti tal-appell Kriminali numru 69/2017.*
>
> *Kopja formali ta' dina is-sentenza għandha tintbagħat ukoll lill-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti ta' Malta, kif ukoll lill-Ministru tal-Ġustizzja."*

## L-Appelli

16. L-Avukat Ġenerali appella b'rikors ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2023[14] fejn jilmenta kemm minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti wieġbet għar-referenza billi qalet li l-akkużat qed isofri vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni

[14] Fol. 168

minħabba li ġie leż id-dritt tiegħu minn żamma arbitrarja abbinat mal-jedd għal smigħ xieraq, u kif ukoll minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti akkordat lill-akkużat kumpens fis-somma ta' €5,000. Talab lil din il-Qorti:

> *"tirrevoka u tannulla s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) ta' nhar it-2 ta' Mejju 2023 bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

17. Permezz ta' tweġiba ppreżentata fl-14 ta' Mejju 2024[15] l-akkużat appellat wieġeb illi l-appell tal-Avukat Ġenerali għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

18. B'rikors tal-appell ippreżentat fl-1 ta' Ġunju 2023[16] l-akkużat ukoll talab għar-revoka tas-sentenza appellata u dan:

> *"....l-ewwel dwar l-ammont li r-rikorrenti qed jitħallas bħala kumpens u t-tieni dwar il-kwistjoni li ż-żmien li għamel taħt arrest għandu jiġi komputat u jingħata bħala żmien ta' arrest preventiv fil-każ ta' ħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell"*

19. Permezz ta' risposta ppreżentata fis-16 ta' Ġunju 2023[17] l-Avukat Ġenerali wieġeb illi l-appell tal-akkużat huwa irritu u null għaliex ġie ppreżentat *fuori termine*. F'kull każ argumenta li fil-meritu l-aggravju għandu jiġi miċħud.

---

[15] Fol. 174B *et seq.*
[16] Fol. 176 *et seq*.
[17] Fol. 192

**Konsiderazzjonijiet.**

*Eċċezzjoni dwar in-nullità tal-appell tar-rikorrent.*

20. Ir-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (S.L. 12.09) jipprovdu illi:

> *"............*
>
> ***Iżda meta l-appell isir minn deċiżjoni mogħtija wara referenza magħmula skond l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew l-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, dan l-appell għandu jsir fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni appellata."*** (enfasi tal-Qorti)

21. F'dan il-każ is-sentenza appellata ngħatat fit-2 ta' Mejju 2023. Ifisser għalhekk li l-partijiet kellhom sal-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2023 biex jippreżentaw l-appelli rispettivi tagħhom.

22. Bajada ppreżenta l-appell fl-1 ta' Ġunju 2023. Għalhekk l-appell hu null għaliex tardiv[18].

*L-Appell tal-Avukat Ġenerali*

23. Jifdal l-appell tal-Avukat Ġenerali fejn, permezz tal-ewwel aggravju, jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel

[18] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Eugenio Camenzuli et v. Moses Zammit u l-Avukat tal-Istat**, 25 ta' Jannar, 2023

Qorti wieġbet għar-referenza billi qalet li l-akkużat qed isofri vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni minħabba li ġie leż id-dritt tiegħu minn żamma arbitrarja abbinat mal-jedd għall-smigħ xieraq. Isostni li tali konklużjoni hija żbaljata għaliex:

- Fejn tidħol il-komputazzjoni tal-pieni wieħed ma jistax iħallat reat ma' ieħor. Jgħid li l-ewwel reat li ġie akkużat bih Bajada kien dwar traffikar ta' droga filwaqt li t-tieni kien dwar tentattiv ta' korruzzjoni ta' xhud. Reati li distinti tant li filwaqt li ma nstabx ħati ta' dak tal-ewwel, xorta nstab ħati fl-attentat ta' korruzzjoni ta' xhud, ossija l-każ li minnu saret din ir-referenza;

- B'rabta ma' dan it-tieni każ, jgħid li Bajada nżamm arrestat biss għall-perjodu mis-6 ta' Lulju 2012 sat-28 ta' Novembru 2012, total ta' 145 jum;

- Iż-żmien taħt arrest preventiv li jista' eventwalment jitnaqqas mis-sentenza li għad trid tagħti l-Qorti referenti '*hija kwistjoni li ma tirrigwardax strettament lill-Qorti iżda semmai l-amministrazzjoni tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin"*;

- *'Il-kwistjoni dwar jekk ġiex vjolat jew hux se jiġi vjolat l-artikolu 5 hija bla dubju ta' xejn prematura proprju għaliex l-appell*

*għadu ma ġiex deċiż u għalhekk ir-rikorrent m'huwiex qiegħed fil-preżent arrestat jew detenut in konnessjoni mal-każ in kwistjoni."*

24. It-*timeline* tal-perjodi li Bajada inżamm arrestat / ġie detenut kien dan:




25. Għalhekk Bajada dam arrestat/detenut fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin għal **242 jum,** ossija <u>20 jum</u> bejn it-28 ta' Jannar 2009 u s-17 ta'

Frar 2009 u 222 jum bejn is-6 ta' Lulju 2012 u t-13 ta' Frar 2013. Ħareġ wara li ħallas is-somma ta' €27,647[19].

26. Mill-provi miġbura jirriżulta li s-somma ta' €27,647 tirrappreżenta l-bilanċ li kien fadal mill-garanzija dovuta wara li, mill-ammont oriġinali ta' €30,000, tnaqqset is-somma ta' €2,353. Skont Helenio Gala[20] (Uffiċjal tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin) it-tnaqqis ta' €2,353 jirrappreżenta l-perjodu li Bajada kien diġà għamel fil-ħabs b'rabta man-nuqqas ta' ħlas tal-garanzija multiplikat bir-rata ta' €11.65 *per diem.* Dan skont l-Artikolu 586 tal-Kodiċi Kriminali[21].

27. Dispożizzjoni li tipprovdi:

> *"586. (1) Kull min jiġi arrestat minħabba li ma jkunx ħallas is-somma li għaliha jkun obbliga ruħu, għandu jinżamm f'detenzjoni għal żmien ta' mhux aktar minn ġurnata għal kull ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) ta' dik is-somma, sew jekk dik il-persuna tkun l-imputat jew l-akkużat sew jekk tkun il-pleġġ.*
>
> *Iżda fl-ebda każ ma għandha d-detenzjoni għal min ma jħallasx is-somma li għaliha jkun obbliga ruħu taqbeż is-sitt xhur jekk l-ammont ma jkunx iktar minn sebat elef euro (7,000), sena jekk l-ammont ma jkunx iktar minn tletin elf euro (30,000), tmintax-il xahar jekk l-ammont ma jkunx iktar minn tmenin elf euro (80,000) u sentejn jekk ikun iktar minn tmenin elf euro (80,000)."*

28. Is-somma ta' €2,353 (imnaqqsa mill-garanzija dovuta minn Bajada) bir-rata ta' €11.65 *per diem*, tirrappreżenta perjodu ta' 202 jum. Dan

[19] Fol. 105 *overleaf,* fol. 113
[20] Fol. 111 *et seq.*
[21] Fol. 116

jikkorrispondi preċiżament max-xhieda ta' Helenio Galea[22] li kkonferma li s-somma ta' €2,353 li tnaqqset mill-garanzija dovuta minn Bajada tirrappreżenta limitatament id-detenzjoni bejn is-26 ta' Lulju 2012 (meta l-garanzija ġiet konvertita f'priġunerija[23]) sat-13 ta' Frar 2013 (meta tħallas il-bilanċ). Appuntu perjodu ta' **202 jum**.

29. Għalhekk, skont Helenio Galea, f'każ li l-Qorti tal-Appell Kriminali tikkonferma s-sentenza li biha Bajada nstab ħati ta' attentat ta' korruzzjoni ta' xhud u pussess ta' arma mingħajr liċenzja bl-addebitu tar-reċediva u tikkonferma wkoll, *in toto* jew *in* parte, il-piena karċerarja effettiva, it-terminu ta' arrest preventiv li għandu jitnaqqas minn dik l-eventwali piena jkun limitat għall-perjodu ta' għoxrin (20) jum bejn is-6 ta' Lulju 2012 u s-26 ta' Lulju 2012[24].

30. L-Ewwel Qorti qalet li:

> *"1. Din ir-referenza kostituzzjonali tolqot il-perjodu bejn il-31 ta' Lulju 2012 u t-13 ta' Frar 2013"*[25]

u sabet ksur fir-rigward ta' dak il-perjodu[26].

---

[22] Fol. 107 *et seq.*
[23] Fol. 114
[24] Fol. 43
[25] Fol. 156 *overleaf et seq.*
[26] *Decide* a fol. 166

31. Milli tista' tifhem il-Qorti, id-data tal-31 ta' Lulju 2012 tirrappreżenta biss id-data meta l-konverżjoni tal-garanzija f'detenzjoni kienet reġistrata fis-sistema kompjuterizzata tal-Qorti[27]. Madanakollu, hemm prova ċara li l-konverżjoni saret fis-26 ta' Lulju 2012[28] u li s-somma ta' €2,353, li tnaqqset mill-garanzija dovuta minn Bajada, tirrappreżenta l-perjodu li Bajada nżamm detenut minn dik id-data (26 ta' Lulju 2012) sat-13 ta' Frar 2013.

32. Kuntrarjament għal dak li qalet l-Ewwel Qorti, din il-Qorti tifhem li d-domanda tal-Qorti tal-Appell Kriminali tirreferi għall-perjodu mis-6 ta' Lulju 2012 sat-28 ta' Novembru 2012 fir-rigward tat-tieni każ. Hekk biss tista' tifhem il-kliem fid-domanda li għamlet il-Qorti referenti b'referenza għall-Art. 5(1) u 6 tal-Konvenzjoni u Art. 34(1)(d) u 39(1) tal-Kostituzzjoni:

> *"....... **bil-fatt illi ż-żmien li għamel taħt arrest preventiv f'din l-istanza** ġie meqjus mingħajr jedd għal smigħ xieraq bħala kundanna f'kawża oħra mhux relatata mal-proċeduri odjerni".*

33. Fejn jingħad *"taħt arrest preventiv f'din l-istanza"*, il-Qorti tifhem li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qiegħda tirreferi għall-każ li kellha quddiemha. Dan hu wkoll ċar meta taqra l-konsiderazzjonijiet fid-digriet fejn *inter alia* intqal:

> *"Dan għaliex iż-żmien li għamel taħt arrest preventiv f'din l-istanza meta huwa għadu preżunt innoċenti ġie arbitrarjament imnaqqas mill-*

[27] Fol. 92
[28] Fol. 114

*awtoritajiet tal-Ħabs u dan b'rabta ma' piena oħra li ma kellha l-ebda konnessjoni mal-każ odjern"*.

*Allegata Żamma arbitrarja*

34. Sostanzjalment, l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li Bajada qed isofri minn vjolazzjoni taħt l-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni u taħt l-Artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni abbażi tal-motivazzjonijiet segwenti:

*"31. L-appellant Matthew Bajada qed jilmenta li ż-żmien li fih dam detenut sakemm titħallas minnu l-garanzija fl-ammont ta' €30,000, jiġifieri il-perjodu ta' bejn il-31 ta' Lulju 2012 u t-13 ta' Frar 2013, jikser il-jedd fundamentali tiegħu ta' ħelsien minn żamma arbitrajra sanċit fl-artikoli 34(1)(d) u tal-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni abbinat mal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*32. Dan għaliex dan il-perjodu ġie mpost fuq premessi ħżiena u mingħajr smiegħ xieraq u se jiġi meqjus bħala esklużż mil-komputazzjoni tal-benefiċċju taż-żmien li għamel taħt arrest preventiv fil-proċeduri numru 69/2017, f'każ li l-Qorti tal-Appell Kriminali tikkonferma/tvarja l-piena karċerarja mogħtija mil-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Frar 2017.*

*33. Skont l-appellant Matthew Bajada din is-sitwazzjoni lanqas hi koperta b'dispożizzjoni espressa tal-liġi in sodisfazzjoni ta' l-ewwel kriterju stabbilit fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni (ara rikors a' fol 685 u 686 tal-atti tal-appell numru 69/2017 replikat fin-nota ta' sottomissjonijiet a' fol 133 jew 134 ta' dawn l-atti).*

*34. Jiġi rilevat f'dan ir-rigward li l-kalkolu ta' kundanni ta' priġunerija huwa regolat bl-artikolu 22 tal-Kap. 9 li jipprovdi hekk:*

*"Ħlief fil-każ ta' kundanna ta' priġunerija għall-għomor jew ta' priġunerija jew detenzjoni f'nuqqas tal-ħlas ta' multa jew ammenda, kull żmien qabel id-dikjarazzjoni ta' ħtija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inżamm fil-ħabs għar-reat jew reati li tiegħu jew tagħhom huwa jkun ġie hekk misjub ħati u kkundannat, li ma jkunx żmien magħmul fil-ħabs f'esekuzzjoni ta' kundanna, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija jew detenzjoni taħt il-kundanna tiegħu; iżda jekk l-ikkundannat qabel kien suġġett għal ordni ta' probation, ordni għal liberazzjoni taħt kondizzjoni jew għal sentenza sospiża dwar dak ir-reat jew reati, kull żmien bħal dak qabel l-*

*għemil ta' dak l-ordni jew l-għoti tas-sentenza sospiża m'għandux jitqies għall-finijiet ta' dan l-artikolu:*

*Iżda meta xi żmien qabel id-dikjarazzjoni ta' ħtija kif imsemmi qabel ikun, bis-saħħa ta' dan l-artikolu, ġie meqjus bħala parti miż-żmien ta' priġunerija jew detenzjoni taħt il-kundanna dwar dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija, dak iż-żmien ma għandux jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija jew detenzjoni taħt xi kundanna oħra." (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Dan ifisser li "huma l-awtoritajiet tal-habs li ghandhom jassiguraw li, purche` ma jezistux l-eskluzjonijet imsemmijin f'dan l-artikolu, jitnaqqas iz-zmien li l-hati jkun ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reat li dwaru jkun gie kkundannat." (**Il-Pulizija v. Ignatius Joseph Fenech, Qorti tal-Appell Kriminali, 21 ta' Mejju 2008**).*

*35. Dan l-artikolu jeskludi mil-kalkolu ta' kundanni ta' priġunerija dik il-priġunerija/detenzjoni f'nuqqas ta' ħlas ta' multa jew ammenda a tenur tal-artikolu 14 tal-istess Kap u mhux dik il-priġunerija/detenzjoni f'nuqqas ta' ħlas ta' garanzija a tenur tal-artikolu 586 tal-Kap. 9. Fin-nuqqas ta' esklużjoni espressa fl-artikolu 22, il-perjodu li fih ħati nżamm detenut/arrestat skont l-artikolu 586, għandu għalhekk jitqies bħala "żmien li l-hati jkun ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reat li dwaru jkun gie kkundannat."*

*36. Isegwi għalhekk li l-eventwali ċaħda ta' dan il-perjodu mil-kalkolu ta' kundanna ta' priġunerija ma hijiex skont il-liġi u għaldaqstant mhux ġustifikata billi ma tidħolx fil-konfini ta' ebda wieħed mis-sub-inċiżi (a) sa (f) ta' l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u (a) sa (j) tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.*

*37. Jiskatta għalhekk fuq l-istat, kif rappreżentat mill-awtoritajiet tal-ħabs, l-obbligazzjoni pożittiva imposta fl-ewwel parti tal-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni biex mhux biss iżomm lura milli jikser d-dritt għal-libertà u s-sigurtà ta' l-appellant Matthew Bajada iżda wkoll li jieħu miżuri xierqa għal protezzjoni effettiva kontra indħil illegali ta' dawk id-drittijiet, inkluż l-obbligu li jipprevjeni ċaħda arbitrarja u mhux ġustifikata tal-libertá li l-awtoritajiet jafu jew messhom jafu biha (ara konsiderazzjonijiet legali u ġurisprudenzjali ġia esposti supra). Dan billi jassigura li l-awtoritajiet tal-ħabs inaqqsu mil-kalkolu tal-eventwali kundanna ta' priġunerija fil-konfront ta' l-appellant Matthew Bajada iż-żmien kollu li huwa għamel detentut/arrestat a tenur tal-artikolu 586 tal-Kap. 9."*

35. L-Avukat Ġenerali ma kkontestax espressament l-interpretazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali li tat l-Ewwel Qorti, ossija, li dak l-

artikolu jeskludi biss mill-kalkolu ta' kundanni ta' priġunerija dik il-priġunerija / detenzjoni f'nuqqas ta' ħlas ta' multa jew ammenda *a tenur* tal-Artikolu 14 tal-istess Kodiċi Kriminali u mhux ukoll dik il-priġunerija / detenzjoni f'nuqqas ta' ħlas ta' garanzija *a tenur* tal-Artikolu 586 tal-Kap. 9.

36. L-ilment tal-Avukat Ġenerali huwa li ma jaqbilx li:

> *"fejn tidħol il-komputazzjoni tal-piena wieħed għandu iħallat l-ewwel każ li kellu l-appellant dwar traffikar ta' drogi mat-tieni wieħed li jirrigwarda l-korruzzjoni ta' xhud."*

37. Fi kliem ieħor allura, l-Avukat Ġenerali qiegħed jikkontendi li l-perjodu li matulu Bajada kien detenut minħabba n-nuqqas ta' ħlas tal-garanzija għandu jkun eskluż mill-eventwali kalkolu tal-kundanna li Bajada jista' jkun soġġett għaliha f'dan il-każ, mhux għaliex hija eskluża bil-kliem *"Ħlief fil-każ ta' ... ta' priġunerija jew detenzjoni f'nuqqas tal-ħlas ta' multa jew ammenda"*, kif deċiż mill-Ewwel Qorti, iżda għaliex dak il-perjodu ta' detenzjoni huwa eskluż bis-segwenti frażi tal-Artikolu 22 tal-Kap. 9:

> *"kull żmien qabel id-dikjarazzjoni ta' ħtija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inżamm fil-ħabs* ***għar-reat jew reati li tiegħu jew tagħhom huwa jkun ġie hekk misjub ħati u kkundannat****"* (enfasi tal-Qorti)

38. Strettament l-interpretazzjoni tal-liġi kriminali tispetta lill-qrati ta' kompetenza kriminali. Però jidher li fil-kamp penali huma l-awtoritajiet

tal-ħabs li japplikaw l-Art. 22 tal-Kodiċi Kriminali. F'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Ignatius J. Fenech** tal-21 ta' Mejju 2008). F'dik is-sentenza intqal hekk b'referenza għall-Art. 22:

> *"Dan ifisser li llum mhuwiex mehtieg li l-Qorti tiddikjara hi jekk perijodu maghmul taht arrest preventiv ghandux jitnaqqas jew le sabiex dan jitnaqqas, izda huma l-awtoritajiet tal-habs li ghandhom jassiguraw li, purche` ma jezistux l-eskluzjonijet imsemmijin f'dan l-artikolu, jitnaqqas iz-zmien li l-hati jkun ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reat li dwaru jkun gie kkundannat".*

39. Madankollu, jibqa' l-fatt li fejn hemm diżgwid l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tispetta lill-qrati u mhux lill-awtorità amministrattiva.

40. Hu fatt li t-*"tieni każ"* ta' Bajada s'issa għadu *sub judice.* Ir-referenza ilha issa pendenti mis-sena 2019 u hemm bżonn ta' deċiżjoni finali dwar x'għandu jsir f'każ li l-piena karċerarja tiġi konfermata.

41. Fl-ewwel lok il-perjodu ta' 20 jum bejn it-28 ta' Jannar 2009 u s-17 ta' Frar 2009 ma kienx il-meritu tar-referenza u lanqas tas-sentenza appellata.

42. Kwantu għall-perjodu ta' għoxrin (20) jum bejn is-6 ta' Lulju 2012 u s-26 ta' Lulju 2012 li matulu Bajada nżamm arrestat fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin b'referenza għat-tieni każ, m'hemmx kontestazzjoni li ser

jitnaqqas jekk il-ħtija tiġi konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali u jkollu jagħmel xi perjodu f'priġunerija minħabba t-tieni każ[29].

43. Jifdal għalhekk li jitqies il-perjodu li matulu Bajada nżamm arrestat / detentut bejn is-26 ta' Lulju 2012 u t-13 ta' Frar 2013.

44. Skont Helenio Galea dak il-perjodu kien perjodu ta' detenzjoni marbut unikament mal-konfiska tal-garanzija li Bajada naqas milli jħallas fuq ordni tal-Qorti Kriminali[30]. Dik l-ordni iżda ġiet dikjarata leżiva tad-dritt fundamentali protett taħt l-Art. 5 tal-Konvenzjoni fil-kawża **Matthew Bajada v. Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Ċiili fid-29 ta' Settembru 2016 u minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru 2017 (Rik. Kost. 19/14 JZM). Għalhekk, safejn l-imsemmi perjodu hu l-perjodu li fih Bajada kien taħt arrest preventiv għat-tieni każ, m'għandux jitqies bħala żmien li fih Bajada nżamm arrestat b'rabta mad-detenzjoni għan-nuqqas li jħallas il-garanzija wara li tilef il-ħelsien mill-arrest fl-ewwel każ. Dik id-detenzjoni kienet tilledi jedd fundamentali ta' Bajada u bħala tali m'għandhiex titqies li sservi xi skop għall-finijiet tal-ewwel każ li kellu.

45. Fi kliem ieħor, għall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali, iż-żmien li matulu Bajada għandu jitqies li nżamm arrestat b'rabta mal-proċeduri kriminali pendenti (*"tieni każ"* / attentat ta' korruzzjoni ta' xhud

---

[29] Fol. 43
[30] Fol. 116 *et seq*.

u pussess ta' armi mingħajr liċenzja bl-addebitu tar-reċidiva) huwa dak bejn is-6 ta' Lulju 2012 (meta tressaq b'arrest dwar it-tieni każ) u t-28 ta' Novembru 2012 (meta fl-istess każ Bajada ngħata l-ħelsien mill-arrest).

46. Kwantu għall-perjodu li fih Bajada nżamm detenut bejn id-29 ta' Novembru 2012 u t-13 ta' Frar 2013, dik id-detenzjoni ma kinitx b'referenza għall-kawża li dwarha l-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat ir-referenza. Dak il-perjodu hu marbut mal-ewwel kawża, wara d-digriet li tat il-Qorti Kriminali li bih ordnat *inter alia* t-telfien tal-garanzija. Materja li kienet il-meritu tal-kawża kostituzzjonali 19/2014 fl-ismijiet **Matthew Bajada v. Avukat Ġenerali et**[31]. F'dik il-kawża kostituzzjonali din il-Qorti tat lil Bajada kumpens għall-*"perjodu ta' detenzjoni li huwa kellu jagħmel"*[32] b'rabta mal-istess. Fil-fatt fis-sentenza li tat fis-27 ta' Ottubru 2017 din il-Qorti illikwidat kumpens ta' €32,000 u dan wara li fi kliemha:

> *"Decide*
>
> *.... ħadet in konsiderazzjoni l-ammont li ġie żburżat minnu, l-ammont tas-sanzjoni ritenuta ġusta u proporzjonata għall-ksur da parti tiegħu tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, il-perjodu ta' detenzjoni li kellu jagħmel u l-kumpens pekunjarju u non-pekunjarju mistħoqq għall-ksur tad-dritt fundamentali tiegħu".*

47. Għalhekk, bi tweġiba għad-domanda tal-Qorti riferenti, l-appellat se jsofri minn vjolazzjoni tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni jekk, **f'każ biss illi** s-sentenza tal-Qorti tal-

---

[31] Rik. Kost. 19/14 JZM deċiż minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru 2017

[32] Ara l-parti dispożittiva ta' dik is-sentenza.

Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-8 ta' Frar, 2017 tiġi kkonfermata, *in toto* jew *in parte,* u l-perjodu li Bajada kien detenut bejn is-6 ta' Lulju 2012 u t-28 ta' Novembru 2012 (145 jum) ma jitqiesx bħala parti miż-żmien tal-eventwali kundanna.

48. Il-Qorti tilqa' għalhekk l-aggravju tal-Avukat Ġenerali biss sa fejn kompatibbli ma' dak hawn deċiż.

*Allegat Nuqqas ta' Smigħ Xieraq*

49. Kwantu għas-sejbien ta' ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, l-Ewwel Qorti tat il-motivazzjoni segwenti:

> *"38. L-appellant Matthew Bajada jilmenta wkoll, kif ġia ingħad, li l-konverżjoni tal-garanzija fi priġunerija tilledi d-dritt ta' smiegħ xieraq sanċit fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta għaliex "l-awtoritajiet imxew bħala judge and jury fil-konfront tar-rikorrenti meta fit-13 ta' Frar 2013 imponew li jħallas is-somma ta' €27,647 sabiex jinħeles mill-arrest. Irid jiġi apprezzat id-differenza bejn €30,000 u €27,647 jirrapreżenta ż-żmien ta' arrest preventiv – dan l-ammont jew ekwivalenti ta' żmien ġie meħud fuq premessi ħżiena u mingħajr smiegħ xieraq." (ara rikors a' fol 688 tal-atti tal-appell numru 69/2017 replikat fin-nota ta' sottomissjonijiet a' fol 136 ta' dawn l-atti).*
>
> *39. Il-Qorti tqis fundat dan l-ilment.*
>
> *40. L-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 jikklassifika n-nuqqas ta' Matthew Bajada dikjarat mil-Qorti Kriminali fid-digriet tas-16 ta' Lulju 2012, mogħti a tenur tas-subinċiż (1), bħala reat kriminali. Din il-klassifikazzjoni tistabbilixxi l-aspett kriminali tar-reat u għaldaqstant fic-cirkostanzi huwa applikabbli dak li jiddisponi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*
>
> *41. Il-ġbir tal-garanzija magħmula mill-appellant Matthew Bajada konfiskata a' tenur tal-artikolu 579, bil-konverżjoni f'detenzjoni a tenur tal-artikolu 586, kellha ssir wara li, b'applikazzjoni tal-artikolu 585,*

*jinħareġ mandat t'arrest kontrih mill-istess Qorti li quddiemha kellu jidher, ġeneralment fuq talba tar-Reġistratur tal-Qorti (ara fost oħrajn John Grima -vs- Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 16 ta' Marzu 2011). Ma hemm iżda ebda ordni ta' arrest mogħti taħt dan l-artikolu 585 fl-atti tal-akkuża numru 45/10.*

*42. Dan ifisser li ż-żamma ta' l-appellant Matthew Bajada f'detenzjoni fil-faċilitá korrettiva ta' Kordin a tenur tal-artikolu 586 tal-Kap. 9 matul il-perjodu ta' bejn il-31 ta' Lulju 2012 u t-13 ta' Frar 2013 saret arbitrarjament bi ksur tal-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni u mingħajr osservanza tal-prinċipju tal-audi alteram partem u tal-equality of arms, bi ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Dan tant li, sakemm din il-kwistjoni ġiet riferuta quddiem din il-Qorti, l-appellat Matthew Bajada baqa ma jafx li beda jinżamm f'detenzjoni skont l-artikolu 586 fil-31 ta' Lulju 2012.*

*43. In vista tal-fatt li r-risposta għal din il-proċedura ġiet imwieġba mill-Avukat Ġenerali, din il-Qorti ser tkun qed tipprovdi ukoll kontra l-istess Avukat Ġenerali għal kull interess li jista' jkollu (ara' fol 13)."*

50. Għalkemm l-Avukat Ġenerali appella wkoll minn din il-parti tas-sentenza appellata, l-aggravju tiegħu huwa limitat għall-fatt li għandha ssir id-debita distinzjoni bejn il-każ li fih tqajmet ir-referenza (*"tieni każ" /* attentat ta' korruzzjoni ta' xhud u pussess ta' armi mingħajr liċenzja bl-addebitu tar-reċidiva) u l-każ dwar id-detenzjoni ta' Bajada b'relazzjoni mal-konfiska tal-garanzija b'rabta mal-*"ewwel każ"*.

51. B'referenza għall-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni, kull ilment li seta' kellu Bajada dwar l-ewwel każ, kellu jressqu fil-kawża kostituzzjonali 19/2014JZM li hu fetaħ fid-29 ta' Settembru, 2016. Fil-fatt wieħed mill-ilmenti f'dak il-każ kien proprju dwar ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Ilment li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla ċaħdet fis-sentenza li tat fid-29 ta' Settembru 2016.

52. Il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti dwar l-allegata vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq b'rabta mal-konfiska tal-garanzija fl-ewwel każ u l-konverżjoni f'perjodu ta' detenzjoni mingħajr smigħ, hi irrilevanti għad-domanda li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tieni każ. F'dan l-istadju ma kellux isir eżerċizzju biex jiġi determinat jekk fl-ewwel kawża seħħx ksur tal-jedd għal smigħ xieraq meta saret il-konverżjoni tal-flus dovuti minn Bajada għall-perjodu ta' detenzjoni.

53. Fid-digriet li bih il-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat ir-referenza jissemma l-Art. 6 tal-Konvenzjoni u l-preżunzjoni tal-innoċenza;

> *"..... madankollu hu indubitat illi din it-talba la hija frivola u lanqas vessatorja meta abbinata mal-jedd tiegħu kif sanċit taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għal smigħ xieraq skont il-liġi. Dan għaliex iż-żmien li għamel taħt arrest preventiv f'dina l-istanza meta huwa għadu preżunt innoċenti ġie arbitrarjament imnaqqas mill-awtoritajiet tal-Ħabs u dan b'rabta ma' piena oħra li ma kellha l-ebda konnessjoni mal-każ odjern"*.

54. Il-preżunzjoni tal-innoċenza ma ġietx imxellfa b'dak li seħħ b'referenza għall-ewwel każ. Wara kollox l-eżerċizzju li sar mill-awtoritajiet tal-ħabs kien biss b'referenza għall-ewwel każ. Fl-aħħar mill-aħħar meta tqum kwistjoni bħal din f'proċeduri kriminali, huma l-qrati kriminali li għandhom jiddeċiedu dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kodiċi Kriminali u ċertament ma jistgħux jippermettu li d-deċiżjoni finali tkun tal-awtoritajiet tal-ħabs.

55. It-tieni aggravju tal-Avukat tal-Istat huwa dwar il-kumpens mhux pekunjarju mogħti mill-Ewwel Qorti fis-somma ta' €5,000. Jilmenta illi tali rimedju jmur lil hinn minn dak li ntalab mill-Qorti referenti.

56. Fl-ewwel lok Bajada għadu ma sofra l-ebda ksur. Dan apparti l-fatt li l-proċedura ta' referenza ssir biex il-qorti tagħti tweġiba għad-domanda li tkun għamlet il-qorti referenti sabiex wara tiddeċiedi l-kwistjoni skont it-tweġiba li tkun ingħatat mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla/il-Qorti Kostituzzjonali. Din il-proċedura speċjali mhijiex intiża sabiex tagħti xi kumpens pekunjarju jew mhux pekunjarju lill-persuna li tkun talbet ir-referenza.

57. Għalhekk tilqa' t-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali.

**Deċiżjoni**.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti:

1. Tiddikjara null l-appell ta' Matthew Bajada bl-ispejjeż kontrih.

2. Tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tħassar dik il-parti li sabet ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni u li tirreferi għall-perjodu bejn id-29 ta' Novembru 2012 u t-13 ta' Frar 2013. Minflok,

tiddikjara li f'dan il-każ Matthew Bajada x'aktarx ser isofri minn vjolazzjoni taħt l-Art. (5)(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-Artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jekk, f'każ li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Frar, 2017 tiġi kkonfermata *in toto* jew *in parte*, u l-perjodu bejn is-6 ta' Lulju 2012 u t-28 ta' Novembru 2012 (145 jum) li Bajada kien arrestat / detenut ma jitqiesx bħala parti miż-żmien tal-eventwali kundanna b'applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kodiċi Kriminali. Tħassar ukoll dik il-parti tas-sentenza appellata li tat kumpens ta' ħamest elef ewro (€5,000) lil Matthew Bajada. Spejjeż tal-appell tal-Avukat Ġenerali jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Tordna li kopja awtentika ta' din is-sentenza tintbagħat minnufih lill-Qorti tal-Appell Kriminali u titpoġġa fil-proċess **Il-Pulizija vs Matthew Bajada.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss